Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13086/22

SOC 540
EMPL 371
GENDER 155

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Lucia VLASÁKOVÁ, membru supplenti għas-Slovakkja, minflok is-Sur Ján TOMAŠTÍK, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Ján TOMAŠTÍK bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għas-Slovakkja).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenza b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.

4. Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenja, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025:

Is-Sa Lucia Vlasáková
Principal State Advisor
Department of Equality of Women and Men and Equality of Opportunities
Ministry of Labour, Social Affairs and Family of the Slovak Republic
Špitálska 4, 6, 8
SK-816 43 Bratislava
Tel.: + 421 2 2046 1068
E-mail: lucia.vlasakova@employment.gov.sk

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022[3] il-Kunsill ħatar, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Ján TOMAŠTÍK sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[2] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[3] ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

Artikolu 1

Is-Sa Lucia VLASÁKOVÁ hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sur Ján TOMAŠTÍK għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President